**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 588/2018**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Charlotte Curmi)**
**(Spettur Roderick Attard)**

**-vs-**

**AMR BADDAR**
**(K.I. 92410L)**

**Illum, 7 ta' April 2021**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **AMR BADDAR**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 92410L tressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar is-16 ta' Mejju 2017 ghall-habta tas-7:30pm, gewwa Vjal il-25 ta' Novembru, Zejtun, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, hebb ghal persuna ta' Kevin Spiteri u/jew persuna/i ohra, u kkagunalu griehi ta' natura gravi, skond ma iccertifika Dr. Marius Caruana MD;

Talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi tal- Qorti li issa saru definittivi u ma jistawx jinbidlu;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Kevin Spiteri kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri.

Rat illi l-imputat waqt l-interrogatorju, wiegeb li mhux hati tal-akkuzi migjuba kontrih;

Semghet ix-xhieda kollha;

Rat il-provi u d-dokument kollha esebiti;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-12 ta' Gunju 2020, 2019 li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jigi aggudikat minn din il-Qorti skont is-segwenti artikoli indikati mill-istess Avukat Generali[1]:-

1.Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2.Fl-artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3.Fl-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4.Fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2020[2] l-imputat fil-prezenza tad-difensur tieghu, iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja;

[1] Fol. 126.

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza, waqt l-udjenza tal-1 ta' Marzu 2021;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi mill-fatti li johorgu mill-atti tal-kawza, jirrizulta li fis-16 ta' Mejju 2017, l-imputat kien qieghed flimkien ma' ommu filwaqt li kienu qeghdin ihottu xi hwejjeg fil-garaxx tal-istess ommu li jinsab gewwa kumpless ta' garaxxijiet u residenzi gewwa Vjal il-25 ta' Novembru, Zejtun. Dawn il-mobbli kienu gew trasportati ghal fuq il-post permezz ta' vann misjuq minn terzi u huwa u hiereg mill-partijiet komuni tal-kumpless, dan il-vann instaq b'mod storbjuz u eccessiv u b'hekk ikkaguna inkonvenjent lil Kevin Spiteri li joqghod f'residenza fil-pjan terran tal-blokk ta' appartamenti li jmiss mal-komun tal-garaxxijiet.

M'huwiex kontestat u f'kull kaz, huwa stabbilit mill-provi illi Kevin Spiteri hareg mill-grada li tifred il-parapett tar-residenza tieghu minn mal-partijiet komuni - fejn dak il-hin kienu jinsabu l-imputat, ommu u zewgt ihbieb tieghu - u f'hin minnhom, l-imputat tah daqqa ta' ponn wahda go wiccu. Lanqas m'huwa kontestat mill-imputat illi bhala rizultat ta' din id-daqqa ta' ponn li huwa xejjer f'wicc Kevin Spiteri, dan tal-ahhar garrab sfregju f'wiccu. Wara kollox, din l-offiza giet certifikata mill-espert mediko-legali mahtur mill-Qorti, Dr. Mario Scerri[3], bhala konsistenti f'cikatrici fuq halq Kevin Spiteri u sinna miksura li wkoll tidher sew meta huwa jitbissem[4]. Fil-fehma tal-Qorti, dawn l-offizi

[2] Fol. 166.
[3] Dok. MS, fol. 93 *et seq*. u xhieda tal-31 ta' Ottubru 2019.
[4] Ara rapport Dok. MS, u fol. 101.

jinkwadraw bhala offiza ta' natura gravi kif mahsub fis-subartikolu (1)(b) tal-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat;

Id-difiza tal-imputat hija fondata unikament fuq l-iskriminanti tal-legittima difesa kif mahsub fl-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali :-

***223.*** *Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.*

Minhabba l-eccezzjoni partikolari invokata mill-imputat ghad-difiza tieghu, il-Qorti jehtigilha tgharbel il-provi biex tistabbilixxi jekk humiex riskontrabbli fil-kaz in dizamina l-elementi kollha mehtiega ghas-success tad-difiza legittima sabiex din topera biex tehles lill-imputat minn htija kriminali ghad-delitt li altrimenti jirrizulta ppruvat. Kif sewwa sottomettiet id-difiza, il-verzjoni tal-imputat li huwa agixxa ghaliex kien hemm il-bzonn attwali biex jiddefendi lil ommu, jehtieg li tirrizulta ghall-inqas fil-grad tal-probabbli fuq il-preponderanza tal-provi.

Illi r-*ratio legis* wara l-istitut tal-legittima difiza huwa d-dritt ghal awto-tutela tal-persuna jew ta' xi haddiehor, b'tali mod illi l-agir li altrimenti jkun wiehed kriminuz, isir gustifikat. Dan isehh meta persuna tkun sabet ruhha wicc imb'wicc ma' aggressjoni li hija ingusta tant illi ma tkunx tista' tirrikorri ghal mezzi ohra biex tahrab minn jew tevita dak il-periklu jew inkella li tirrikorri lejn l-Istat sabiex iharisha mill-periklu. Tispicca ghalhekk kostretta tuza mezzi hija stess biex thares lilha innifisha minn dak il-periklu li jkun attwali, gravi u inevitabbli.

Illi it-tlett elementi ta' dritt li huma dottrinalment mehtiega sabiex tigi applikat id-difiza tal-appellant u cioe' l-iskriminanti ghad-delitt tal-omicidju jew tal-offiza fuq il-persuna, kif spjegati ben tajjeb fis-sentenza **Ir-Republlika ta' Malta vs**

**Mariano Grixti**[5], huma illi l-minaccja jew l-aggressjoni affaccjata trid tkun wahda gravi, ingusta u inevitabbli u wkoll illi r-reazzjoni trid tkun wahda proporzjonata ghal din il-minaccja jew l-aggressjoni kif hekk ikkwalifikata:-

"*Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor.*"

Minn dan jikkonsegwi illi sabiex l-att difensjonali jkun gustifikat, l-att ta' agressjoni jrid jkun ta' certu portata u ta' periklu u jrid jammonta ghal reat vjolenti jew li jsehh f'tali cirkostanzi li jqajjmu biza' ragjonevoli tal-periklu tal-hajja jew tas-sigurta` personali ta' dak li jkun jew haddiehor. Dan ghandu jkun determinat minn min hu imsejjah biex jiggudika billi jigi applikat it-test soggettiv: li jfisser illi l-gudikant irid jidhol fiz-zarbun tal-gudikabbli skont il-każ sabiex jgharbel il-hsibijiet u l-emozzjonijiet tieghu fil-mument illi huwa jkun ġie rinfaċċjat bil-periklu.

Il-Qorti sejra taghmel referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Zachary Vella**[6] fejn gie citat il-Prof. Sir Anthony Mamo dwar l-element tal-gravita` u inevitabbilita` tal-perikolu:-

*"Illi skont il-mibki Professur Sir Anthony Mamo sabiex din id-difiża tkun tista' tiġi ravviżata huwa essenzjali li l-periklu attwali jkun wieħed kontra l-liġi*

[5] Qorti tal-Appell [Superjuri] 3 ta' Ottubru 2018.
[6] Deciza 3 ta' Mejju 2019.

*(unjust), gravi u inevitabbli, u dan apparti l-proporzjonalita' rikjesta tar-ritaljazzjoni mill-attakk fuq il-persuna li tkun qed tiddefendi ruħha. Għal dak li jirrigwarda l-gravita', Mamo jikkjarifika li din tissusisti meta:*

'*the act of defence must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed, would have inflicted upon the person 'irreparable' evil; and the law considers as 'irreparable' and consequently grave, the evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual'.*

*Kwindi huwa evidenti li sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat għal dak li jirrigwarda dan l-element, din trid tkun ta' ċertu portata u ta' daqstant periklu. In oltre l-azzjoni kontra min qed jiddefendi lilu nnifsu trid tkun tammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew sigurta' personali ta' dak li jkun jew ħaddieħor.*

*Illi fir-rigward tal-inevitabbilta' Mamo jispjega dan l-element b'mod ċar billi jgħid illi l-akkużat irid jipprova illi '***the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided' u li kwindi tissusisti jekk il-periklu in kwistjoni jkun immedjat (sudden), attwali u assolut***. Għal dak li jirrigwarda l-attwalita', Mamo jgħid illi 'if it (il-periklu) had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence', filwaqt li rigward l-assolut jgħid illi l-periklu jrid ikun tali illi fil-mument tagħha 'it could not be averted by other means'".* [emfasi ta' din il-Qorti]

Dan ifisser ill jekk allura l-aggredit ikollu l-ghazla fil-mument tal-aggressjoni u cioe' jekk ikun possibbli ghalih li jevita dak il-perikolu jew ikun jista' jfittex l-ghajnuna mill-awtoritajiet u jonqos milli jaghmel dan, izda jaffaccja l-periklu huwa stess, allura jigi nieqes il-kuncett tal-awto-difeza.

Ikkunsidrat;

Stabbilit x'inhuma l-elementi li jehtiegu li jigu ppruvati ghas-success tad-difiza invokata mill-imputat, il-Qorti sejra tghaddi biex tevalwa x-xhieda.

L-imputat isostni illi filwaqt li huwa minnu li huwa ta d-daqqa ta' ponn li kkaguna l-offiza gravi fuq il-persuna ta' Kevin Spiteri, dan ghamlu biex jiddefendi lil ommu, Afaf Abdulla, ghaliex huwa ra li din il-persuna hebbet ghal

ommu b'mod aggressiv. Proprju waqt l-interrogazzjoni tieghu mill-Pulizija dwar dan ir-reat, l-imputat qal hekk:-

« *Iva tajtu daqqa ta' ponn biex niddefendi lil ommi wara li hebb ghaliha.* »

Sussegwentement, fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti, l-istess imputat fisser illi Kevin Spiteri l-ewwel **hareg bir-rabja** fil-parapett tieghu u meta ommu qaltlu li fadallhom inizzlu ftit affarijiet biss qabel jitlqu, fil-pront l-istess Kevin Spiteri **fetah il-grada tal-parapett u hareg jigri biex jaghti lil ommu**. L-imputat xehed hekk[7] :-

«*… sakemm ahna qed inhottu l-vann, hareg Kevin u beda jghajjat u jidghi ghax hemm hafna storbju habba li hemm il-vann fejn il-garaxx. U sadanittant il-mama tieghi qaltlu isma' ahna ghandna xi affarijiet kemm innizluhom biss u ha nkunu lesti u mid-dehra* ***qabad fetah il-grada, hareg jidghi u gie biex jattakka lil ommi****. ... ijja mela mela rajtu.* ***Kif imbuttaha ezatt jiena lill-mama tieghi gbidtha warajja u irrijektjajt mill-ewwel. Tajtu daqqa ta' ponn ovvjament*** *... hu resaq lura u dak il-hin waqaf.* » [emfasi tal-Qorti]

Da parti tieghu, Kevin Spiteri spjega illi kien hareg jara x'gara ghaliex sema' hoss kbir ta' vettura hierga sparata mill-komun fejn jinsabu l-garaxxijiet u kif hareg, staqsa dwar l-istorbju. Hu xehed hekk:-

« *U ommu qabdet tghajjat, qaltli jiena ma nistax indahhal affarijiet? Qedtilha* [*recte.* Ghidtilha] *dahhal kemm trid affarijiet, qedtilha* [*recte.* ghidtilha] *pero' bil-mod mhux hekk. Das-sewqan kollu hawn ... Pero' jien imbaghad hrigt minn gol-grada tal-parapett tieghi, qedtilha* [*recte.* ghidtilha] *ghalfejn qed tghajjat jiena ... mhux nkellmek bhan-nies qieghed, qedtilha* [*recte.* ghidtilha] *dan l-ghajjat kollu ... U f'daqqa u l-hin jien qlajt daqqa ta' ponn.*"

Kevin Spiteri jichad illi huwa resaq lejn omm l-imputat b'mod aggressiv jew li pprova jhebb ghaliha. Meta xehed in kontro-ezami[8] hu qal li hareg minn wara l-grada tal-parapetti tieghu bil-mixi u "*bin-normalita` ta' bniedem li johrog biex jitkellem man-nies*".

[7] Xhieda tal-14 ta' Dicembru 2020.
[8] 28 ta' Settembru 2020.

Izda l-Qorti, wara li semghet ix-xhieda u rat il-provi akkwiziti, tqis li ma tistax taghti wisq affidabbilita` lill-verzjoni ta' Kevin Spiteri dwar id-dinamika tal-incident li fih l-imputat spicca biex tah daqqa ta' ponn. Dan ghaliex il-verzjoni tieghu, oltre li hija kontradetta mill-imputat u minn ommu Afaf Abdulla, tikkuntrasta wkoll radikalment mal-verzjoni ta' **zewg xiehda okulari li ma kellhomx involviment fl-argument izda kienu prezenti fuq il-post u raw l-incident isehh**. Dawn ix-xiehda entrambi fissru li l-imgieba ta' Kevin Spiteri fil-konfront ta' Afaf Abdulla, omm l-imputat, kienet wahda aggressiva u affermaw ukoll illi meta l-imputat agixxa billi tah daqqa ta' ponn, huwa kien qieghed effettivament jirrejagixxi biex jiddefendi lil ommu.

**Omm l-imputat Afaf Abdalla** xehdet[9] illi Kevin Spiteri beda jidghi, fetah il-grada u hebb ghaliha. Fissret kif f'daqqa u l-hin hasset jew lil Kevin Spiteri jimbottaha jew lit-tifel taghha jigbidha, izda ma setghetx tidentifika l-azzjoni billi "*dak il-hin lanqas mohh*" u kollox gara f'temp ta' sekonda tant illi kien binha nnifsu li sussegewentement qalilha li huwa kien ta daqqa lil Kevin Spiteri. Affermat illi binha dahal bejnha u bejn Kevin Spiteri u f'sekonda rat "*lill-iehor qisu waqa' hekk u daqshekk. Xejn kollox waqaf.*"

Imbaghad, **Daniel Camilleri** li kien qieghed jghin lill-imputat ihott l-affarijiet fil-garaxx, xehed illi hekk kif telaq it-trakk tat-trasport minn fuq il-post - b'daqsxejn storbju u velocita` eccessiva - harget persuna mill-parapett "*jghajjat, jidghi*" u b'attitudni aggressiva hafna. Ix-xhud spjega li din il-persuna kienet:-

"*Agressiva hafna ... Ghajjat, dagha, ghal bidu. ... Ma kienetx bizzejjed u eventwalment spicca **hareg ghal omm Amr**.*" [emfasi tal-Qorti]

Ix-xhud kompla jispjega illi l-imputat baqa' fejn kien sakemm dan il-persuna hareg mill-propjeta` tieghu u mar jipprova jaggredixxi lil ommu. Fisser illi din

[9] Xhieda tad-29 ta' April 2019.

il-persuna hebb ghaliha "*B'mod aggressiv hafna. Kieku kienet ommi l-istorja nahseb li kienet tkun l-istess. ... Hareg bir-rabja. Il-mod kif hareg jien ghalija personali huwa biex jattakkaha.*" Skont ix-xhud **il-persuna l-ohra laqhet messet lil omm l-imputat billi qabadha mill-hwejjeg li kellha fuqha u kien f'dan il-waqt illi l-imputat qabez ghal ommu** u lill-persuna l-ohra "*tah daqqa ta' ponn, wahda*". Ikkonferma wkoll illi kif l-imputat ta d-daqqa ta' ponn lill-parti leza, waqaf kollox.

Din il-verzjoni hija korroborata ulterjorment mix-xhieda ta' **Ahmed Samih Ibrahim Ghazi** li joqghod fir-residenza sovrastanti dik tal-parti leza Kevin Spiteri. Ix-xhud qal li huwa sema' hoss ta' vettura hierga b'velocita` minn gol-bitha tal-garaxxijiet u hareg fil-gallarija biex jara x'kien gara. Dak il-hin ra li Kevin Spiteri ukoll kien itawwal mill-parapett tieghu u ra illi fil-bitha kien hemm l-imputat flimkien ma' ommu u persuna ohra. Ix-xhud iddeskriva hekk dak li zvolga quddiemu:-

"*U Kevin ħareġ ħareġ, waqaf hekk mill-grada, ma ħariġx barra l-grada u beda jgħajjat ma' Amr, beda jgħajjat magħha, beda jgħidilha, "Dan x'inhu!" beda jitkellem kliem, beda jidgħi, bil-Malti ... Ma nafx x'beda jgħidilha eżatt jiġifieri, imma qallha, "Kif dan ħareġ hekk?!" Imbagħad hi qaltlu, "Mhux aħna. Mhux dan id-driver, min hu, aħna m'għandniex x'naqsmu." ... u hi ġiet biex tkellmu lil dan Kevin. U qed titkellem, qed jitkellmu, qed jgħajjtu bil-kliem ... u mbagħad hu* ***f'saħna tal-mument fetaħ il-grada u ħareġ għaliha****. ... Imbagħad x'ħin it-tfal tagħha, it-tifel tagħha dan rawh ġej – ma qabadtx itiha ta jiġifieri –* ***imma kif raw ġej fuq ommhom*** *qabdu u ġew u qabdu jiġġieldu, qabdu jagħtu jiġifieri.*"[10] [emfasi tal-Qorti]

Ix-xhud kompla jfisser hekk il-movimenti ta' Kevin Spiteri u tal-imputat:-

"*... x'ħin* ***Kevin ħareġ b'saħna tal-mument*** *fetaħ il-grada, qabad sabbat il-grada u* ***ħareġ gas-down għaliha****, ġew it-tfal tagħha, it-tifel tagħha ġie fuqu, u qabdu jiġġieldu, jagħtu.*" [emfasi tal-Qorti]

---

[10] Gie stabbilit iktar tard waqt il-kontro-ezami tieghu, ix-xhud ikkjarfika illi r-referenza ghat-"*tfal taghha*" u "*raw gej fuq ommhom*", fil-plural, hija effettivament referenza ghall-imputat, fis-singular.

Qal ukoll illi Kevin Spiteri "*Imbagħad qabad fetaħ il-grada, "Ħaqq..." u beda jagħmillha hekk, fhimt?* ***U din twerwret, u t-tifel tagħha ġie jiġri***." [11] [emfasi tal-Qorti]

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tosserva illi l-verzjoni tal-imputat u ta' ommu u l-verzjoni taz-zewg xhieda okulari, jikkombaccjaw perfettament kwantu l-elementi kollha saljenti tal-episodju in dizamina, senjament l-aggressjoni manifestata minn Kevin Spiteri fil-konfront ta' omm l-imputat u r-rejazzjoni tal-imputat meta gie konfrontat b'dak li kien qed jizvolgi quddiemu. Konsegwentement filwaqt li ma ghandha l-ebda rizerva biex taghti affidabbilita` pjena lil din il-verzjoni ta' fatti, tqis li din il-verzjoni hija sewwasew ippruvata fil-grad li tesigi l-ligi.

Konformement, il-Qorti hija sodisfatta illi huwa ppruvat li dak illi sehh huwa li Kevin Spiteri, waqt li kien fil-parapett tieghu jargomenta ma' omm l-imputat li kienet fil-bitha komuni tal-kumpless, u waqt li kien evidentement fi stat ta' rabja u kien qed jghajjat u jidghi, **qabad u hareg mill-grada tal-parapett tieghu b'manjiera aggressiva biex jaggredixxi lil omm l-imputat**. Huwa wkoll stabbilit mill-provi illi l-istess **Kevin Spiteri hebb ghal Afaf Abdalla u kien proprju f'dan il-waqt li l-imputat irrejagixxa billi gibed lil ommu ghal warajh u tah daqqa ta' ponn.**

Applikat dan kollu ghall-elementi tal-legittima difesa, il-Qorti hija wkoll sodisfatta li dawn ilkoll jinsabu kumulattivament u ampjament ippruvati: hu evidenti mill-gabra tax-xhieda tal-persuni kollha li xehdu quddiem il-Qorti (ghajr ghall-parti leza nnifsu), li **l-aggressjoni manifestata minn Kevin Spiteri kontra Afaf Abdulla kienet wahda ingusta kif ukoll gravi**. Il-Qorti hija sodisfatta wkoll illi l-aggressjoni kienet inevitabbli tant illi mix-xhieda jirrizulta illi Kevin Spiteri hareg jigri "*gas-down*" ghal omm l-imputat u lahaq imbottaha. Dan

[11] Xhieda tas-26 ta' Gunju 2019.

ifisser ukoll illi l-perikolu ravvizat mill-imputat ma setax ikun hlief wiehed istantanju anke ghaliex l-episodju kollu gara, kif stqarret l-istess Afaf Abdulla, f'temp ta' sekonda.

In propositu tal-karatteristici tal-perikolu li jehtieg li jigi ravvizat ghas-success ta' din id-difiza, fis-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Dominic Briffa**, il-Qorti riteniet illi:-

*"... l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita' tal-perikolu jew minaċċja għandha tiġi affrontata hu li wieħed jistaqsi: l-aġent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, raġġonevolment jevita' dak il-perikolu jew dik il-minaċċja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-aġent seta', billi jagħmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew oħra, jew anki billi sempliċiment ma jiċċaqlaqx, faċilment jevita l-periklu jew minaċċja li kien qed jara fil-konfront tiegħu, allura jekk ma jagħmilx hekk jiġi nieqes l-element tal-inevitabbilta' tal-periklu jew minaċċja.* ***Jekk pero mill-banda l-oħra tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-aġent ma kellu jagħmel xejn minn dan, jew, anzi, kellu jibqa' għaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaċċja, allura b'daqshekk ma jiġix nieqes l-element ta' l-inevitabilita'.***

*Illi huwa mportanti li, sabiex jiġi determinat jekk din id-difiża tissusistix minn min irid jiġġudika dwar il-fatti, irid jiġi applikat it-test soġġettiv."* [enfasi ta' din il-Qorti]

Fil-kwadru tal-fatti tal-kaz in dizamina, huwa effettivament ippruvat illi l-imputat agixxa biex jilqa' ghall-aggressjoni manifestata mill-parti leza fil-konfront ta' ommu - liema aggressjoni ma jirrizultax li kien hu li pprecipitaha - u l-fatt illi huwa gibed lil ommu ghal warajh u mill-ewwel tah daqqa ta' ponn f'wiccu, ma jistax hlief ifisser illi evidentement Spiteri kien vicin hafna taghha[12]. Il-korollarju ta' dan hu li l-perikolu kien ukoll assolut u attwali u ma kienx ghadda u lanqas anticipat.

[12] Il-fatt illi Kevin Spiteri kien vicin hafna ta' ommu jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Kevin Spiteri nnifsu - Ara kontro-ezami ta' Kevin Spiteri – fol. 134 u 135. Wara kollox, l-imputat u Daniel Camilleri entrambi xehdu li Kevin Spiteri lahaq imbotta lil Afaf Abdulla.

Illi fil-kumpless tac-cirkostanzi kif sehhew skont kif stabbilit mix-xhieda fuq citata, jirrizulta illi l-imputat, rinfaccjat bl-aggressjoni tal-parti leza fil-konfront ta' ommu fejn lahaq messha b'xi mod, deherlu li ma kellu l-ebda triq ohra hlief li jilqa' ghal din l-aggressjoni ghaliex hekk kien mehtieg ghall-protezzjoni tal-inkolumita` ta' ommu. Il-Qorti tqis illi l-imputat seta' ragjonevolment jistenna li l-parti leza kien sejjer iwegga' lil ommu u kien gustifikat jagixxi kif effettivament agixxa sabiex il-parti leza ma jkomplix bl-aggressjoni tieghu u b'hekk jipprotegi l-persuna ta' ommu.

Ikkunsidrat;

In konkluzjoni, jehtieg li jigi kkunsidrat ukoll ir-rekwizit tal-proporzjonalita` li jesigi certa proporzjoni bejn il-gravita` tal-offiza u r-reazzjoni tal-imputat. Effettivament, sabiex l-imputat ikun jista' jigi gustifikat ghal kollox fid-difiza legittima, huwa ritenut illi huwa m'ghandux jaddotta metodi li huma in eccess jew sproporzjonati ghall-aggressjoni jew minaccja ta' perikolu kif effettivament ittenta jaghmel.

Fil-kaz in dizamina, il-Qorti hija sodisfatta illi r-rejazzjoni tal-imputat ghall-aggressjoni tal-parti leza kontra ommu, ma kienetx sproporzjonata ghaliex filwaqt li huwa ppruvat li l-parti leza hebb ghal Afaf Abdalla biex jaggrediha, l-imputat irrejagixxa billi ta biss daqqa wahda ta' ponn lil Kevin Spiteri, bil-kollutazzjoni tintemm minnufih wara[13]. Maghdud dan, hemm ukoll qbil illi l-imputat skuza ruhu mal-ewwel mal-parti leza ghad-daqqa ta' ponn li tah.

Ikkunsidrat dan kollu, il-Qorti sejra tilqa' d-difiza invokata mill-imputat, ghaliex gie ppruvat sodisfacjentement illi huwa agixxa ghall-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' ommu u jinsabu sodisfatti l-estremi ta' din id-difiza. Konsegwentement, ma hemmx reat u galadarba mhux qed jigi dikjarat hati tar-

[13] Kuntrarjament ghal dak li xehed Kevin Spiteri, l-allegazzjoni li huwa qala' iktar minn daqqa wahda minghand l-imputat mhijiex konfortata mill-provi.

reat addebitat lilu f'din l-azzjoni kriminali, lanqas jista' l-imputat jinsab hati tal-addebitu tar-recidiva.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, filwaqt li qieghda tilqa' d-difiza invokata taht l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali, ma ssibx lil AMR BADDAR hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih u tilliberah minn kull htija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**